Kopja Informali ta' Sentenza

MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**MIRIAM HAYMAN**

Seduta tas-7 ta' Novembru, 2012

Numru. 1160/2012

**L-UFFICJAL PRICIPALI TAL-IMMIGRAZZJONI**
**SPETTUR MARIO HABER**

**VS**

**ITAGASO LAGASA ta' nazzjonalita' Etijopjana, imwieled f'Addis Ahaba, l-Etijopja, nhar il-21 ta' Marzu, 1994, iben Lagasa u Benti, numru moghti tal-pulizija 11C-187;**
**U GIRMA ABERA ta' nazzjonalita' Etijopjana, imwieled f'Addis Ababa, l-Etijopja, nhar il-11 ta' Novembru, 1985, iben Abera u Worknish, numru moghti tal-pulizija 11C-164**

**Il-Qorti;**

Rat l-akkuzi kontra 'l hawn fuq imsemmija **Itagaso Lagasa** u **Girma Abera** li gew akkuzati talli:

1. Nhar is-6 ta’ Novembru, 2012, u fil-jiem ta’ qabel, f’dawn il-Gzejjer, meta kellhom fil-pussess taghhom passaport, mahruga minn awtorita’ kompetenti, cioe’ passaporti Maltin mahruga f’isem Abdi Jibaar Mohamed Yusuff bin-numru 9010030 u Mohamed Ibrahim Osman bin-numru 9008823 rispettivament, ittrasferixxew dawn id-dokumenti lil persuna ohra jew ircevew dawn id-dokumenti li gew trasferiti lilhom minn persuna ohra (Kap 61, Sec 3 tal-Ligijiet ta’ Malta);

2. U aktar talli fl-istess zmien, lok, u cirkostanzi, ghamlu uzu jew ittantaw jaghmlu uzu minn passaporti mahruga lil persuni ohra, cioe’ dawk diga’ msemmija (Kap 61, Sec 4 tal-Ligijiet ta’ Malta).

Rat il-kunsens ta’ l-Avukat Generali ghal proceduri sommarji, dwar liema l-imputati ddikkjaraw li ma kellhomx oggezzjoni;

Rat l-ammissjoni bikrija ta’ l-imputati fl-istadju tal-prezentata b’arrest, u dan wara li gew moghtija zmien mill-Qorti sabiex jergghu jahsbu dwar l-istess.

Rat l-atti kollha tal-kawza.

Semghet it-trattazzjonijiet.

Illi fuq ammissjoni u wara li rat l-Artikoli 3 u 4 tal-Kapitolu 61 tal-Ligijiet ta’ Malta; u kif ukoll l-Artikolu 17 tal-Kapitolu 9 tal-Ligijiet ta’ Malta;
Din il-Qorti qieghda ssib lill-imsemmija **Itagaso Lagasa** u **Girma Abera** hatja ta’ l-akkuzi kif dedotti fil-konfront taghhom, u tikkundannah piena karcerarja effettiva ta’ sitt xhur kull wiehed.

Fil-konfront ta’ **Itagaso Lagasa** taghmel rakkomandazzjoni lid-Direttur tal-Habs sabiex l-imputat jinghata kull ghajnuna possibbli fejn jirrigwardja sahha mentali ta’ l-istess.

**MAGISTRAT DR MIRIAM HAYMAN LL.D**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------